# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. *JOSEPH R. MICALLEF* LL.D.

## Illum, l-Erbgha 27 ta' Gunju, 2001.

**Kawza Nru. 21.**
**Rikors Nru. 439/01 JRM**

**Rose mart Mario AGIUS, fil-kwalita' taghha ta' successura ta' Carmela SAMMUT, Luigia SAMMUT, Salvina SAMMUT u ta' Giuseppa FALZON. Maria mart Peter DARMANIN u Joseph FALZON, it-tnejn successuri wkoll ta' Giuseppa FALZON; u Nazzarena SAMMUT**

**vs**

**Mario CAMILLERI li b'Degriet tal-4 t'April, 2001, gie nominat Kuratur Deputat**

**biex jirrappresenta l-eredita' ta' Maddalena CAMILLERI; u Dottor Tonio AZZOPARDI u l-P.L. Hilda ELLUL MERCER li b'Degriet tad- 9 t'April, 2001, gew nominati Kuraturi Deputati biex jirrappresentaw l-eredita' ta' Carmen BONNICI**

## Il-Qorti,

Rat ir-Rikors imressaq minn Rose Agius fl-20 ta' Marzu, 2001, li biha hija ddikjarat:

Illi b'sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti fit-22 ta' Marzu 1972 fil-kawza fl-ismijiet Giuseppe Bonnici et vs Carmela Sammut et (citaz. Nru. 295/49FM) giet ordnata d-divizjoni ta' l-assi ta' l-eredita ta' Luigi u Vittoria konjugi Bonnici (Dok A);

Illi pero l-kuntratt ta' divizjoni baqa' ma giex ippublikat u issa ghaddew aktar minn hames snin mid-data tas-sentenza;

Illi l-esponenti u l-intimat huma s-successuri tal-kontendenti fil-kawza fl-ismijiet fuq imsemmija, hlief ghal Nazzarena Sammut li kienet hija stess konvenuta f'dik il-kawza (ref Doks B-F);

Illi l-esponenti ghandha interess li s-sentenza fuq imsemmija tigi esegwita;

Illi ai fini ta' dritt tar-Registru jigi dikjarat li l-valur ta' l-assi ma jeccediex l-Lm1700;

Ghalhekk l-esponenti talbet bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna l-esekuzzjoni tas-sentenza moghtija fit-22 ta' Marzu 1972 fil-kawza Giuseppe Bonnici vs Carmela Sammut (Citaz. Nru. 295/49FM) u li konsegwentement tappunta gurnata, hin u lok ghall-pubblikazzjoni ta' l-att ta' divizjoni u tinnomina Nutar biex jippubblika l-att relattiv u kuraturi biex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-att;

Rat id-Degriet taghha tad-19 t'April, 2001, li bih appuntat ir-Rikors ghas-smigh ghad-29 ta' Mejju, 2001;

Rat it-Twegiba tal-Kuraturi Deputati Avukat Tonio Azzopardi u P.L. Hilda Ellul Mercer tas-7 ta' Mejju, 2001 [pagna 71 tal-process] li biha eccepew:

Illi l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti tal-kaz u ghalhekk qeghdin jirriservaw li jissollevaw l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri;

Illi l-valur ta' l-assi imsemmi fir-rikors m'ghadux jghodd, kemm jekk dan kien il-valur prevalenti fl-1972 u wisq iktar jekk dan kien il-valur prevalenti fl-1949 meta nbdiet il-kawza Citazzjoni 295/49;

Illi stante li l-ereditajiet imsemmija fir-rikors diga' jinsabu rapprezentati permezz ta' kuraturi deputati nominati b'digriet tal-Qorti, m'hemmx lok li jigu mahtura kuraturi "biex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-att";

Salvi eccezzjonijiet u sottomissjonijiet ulterjuri;

Rat il-verbal tas-smigh tad-29 ta' Mejju, 2001, fejn il-Kuratur Deputat Avukat Tonio Azzopardi rtira t-tieni eccezzjoni tal-Kuraturi; filwaqt li l-Kuratur Deputat intimat Mario Camilleri, permezz tal-Avukat tieghu, iddikjara li kien qieghed jaqbel mat-talba tar-rikorrenti;

Rat id-Degriet taghha tad-29 ta' Mejju, 2001, li bih halliet ir-Rikors ghal-lum ghad-Degriet;

Rat l-atti kollha tar-Rikors, inkluz ir-rikors imressaq mir-rikorrenti fil-15 ta' Gunju, 2001 [pagna 75 tal-process];

## *Ikkunsidrat:*

Illi din il-procedura qeghda titressaq biex tirrendi esekuttiva sentenza li nghatat minn din il-Qorti fit-22 ta' Marzu, 1972 [pagni 5 sas 14] u li fiha kienet ordnat li ssir il-qasma tal-gid ta' Luigi u Vittoria mizzewgin Bonnici, billi adottat il-pjan ta' qasma li kien fassal il-Perit Tekniku Ugo Mallia [pagni 15 sa 24];

Illi, billi l-imsemmija sentenza baqghet ma giet esegwita qatt minhabba ghadd ta' cirkostanzi, mhux l-anqas fosthom il-mewt ta' whud mill-partijiet, kellha ssir din il-procedura;

Illi, ghall-finijiet tal-artikolu 259 (4) tal-Kap 12, il-Qorti esaminat id-dokumenti mressqa mar-rikors u ssib illi dawn jissoddisfaw il-kwalitajiet imsemmija f'dak is-sub-inciz;

Illi ntwera b'md car ukoll li, minkejja d-diffikultajiet kollha imsemmija fis-sentenza li taghha qeghda tintalab l-esekuzzjoni, il-gid li kellha ssir il-qasma tieghu kif ordnat f'dik is-sentenza ghadu jesisti sal-gurnata tal-lum;

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-**Qorti ssib li t-talba tar-rikorrenti ghandha tintlaqa'** u qeghda tordna wkoll li l-att nutarili ta' qasma tal-gid tal-imsemmija Luigi u Vittoria Bonnici ghandu jigi pubblikat nhar il-Gimgha, 27 ta' Lulju, 2001, fil-bini tal-Qorti, Valletta, fil-hdax ta' filghodu, liema kuntratt ghandu jigi maghmul, moqri u ppubblikat min-Nutar Dottor Dorita Galea Medati;

*27 ta' Gunju, 2001.*

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jinqasmu ndaqs bejn il-partijiet.

**Moqrija**

**-**
**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**27 ta' Gunju, 2001.**

**Charles Falzon,**
**Deputat Registratur**
**27 ta' Gunju, 2001.**